

Brussell, 21 ta' Settembru 2017
(OR. fr)

11655/1/17
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

CODEC 1309
CORDROGUE 106
DROIPEN 110
JAI 737
SAN 309

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex jiġu inklużi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' 'droga' u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fis-17 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹ ibbażata fuq l-Artikolu 83(1) TFUE^{2 3 4}.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2014⁵.

¹ dok. 13865/13.

² F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁵ dok. 9046/14.

3. Waqt it-3552 laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward id-Direttiva msemija hawn fuq¹.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- jadotta, bil-vot kontra tad-delegazzjoni Awstrijaka, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li tidher fid-dokument 10537/17 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tidher fid-dokument 10537/17 ADD 1;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.
-

¹ F'konformità mal-ittra indirizzata mill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Coreper, il-Parlament Ewropew għandu, waqt it-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.